MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Numru. 763/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
CARMELO BORDA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Borda, ta’ 33 sena, bin Francis u Maria Assunta nee’ Sultana, imwieled Attard fis-16 ta’ Settembru 1969, u residenti 358, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 394469(M), u akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:
Fil-5 ta’ Frar 2002 u fid-19 ta’ Frar 2002, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’

intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' disa' mija u hamsin Lira Maltin (Lm950), ghad-detriment ta' Noelle Galea, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkostanzi, ipproprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor mis-somma ta' disa' mija u hamsin Lira Maltin (Lm950), propjeta ta' Noelle Buttigieg, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-5 ta' Mejju 2001 u fix-xhur ta' wara, ipproprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, minn vettura numru Fiat Panda bin-numru IBA 748, b'valur ta' iktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), kif ukoll mis-somma ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150), propjeta' ta' Rosaria Carbonaro, liema vettura u somma, gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet akkuza, mhux hati ta’ l-ewwel akkuza li hija sussidjarja li minnha tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat, fil-mori tal-kawza, hallas il-pendenzi kollha li kellu mal-kwerelant; in vista ta’ l-ammissjoni tieghu; u l-fatt illi l-imputat jiehu hsieb il-genituri anzjani u morda tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------